# Id-drittijiet tiegħek dwar ix-xiri

**Karta tal-fatti dwar id-drittijiet tiegħek skont il-Liġi Awstraljana dwar il-Konsumatur**

Maltese

## Meta  nista' nieħu l-flus lura?

Jekk hemm problema rigward l-oġġetti li xtrajt, il-ħanut jista' jagħtik oġġett ieħor, flus lura, isewwi l-oġġett jew xi tip ieħor ta' rimedju'. It-tip ta' rimedju disponibbli jiddependi mill-problema.

## X'problemi għandu jirranġa tal-ħanut?

### Bil-ħsara.

Int intitolat li tieħu lura oġġett bil-ħsara, għax l-affarijiet u s-servizzi għandhom ikunu ta' kwalità aċċettabbli.

Oġġett hu bil-ħsara jekk:

- ma jaħdimx kif normalment  suppost jaħdem - *per eżempju it-towster tiegħi ma jixwix il-ħobż*
- għandu difett - *il-buttuna tonda tat-timer tat-towster tiegħi waqgħet ftit wara li xtrajtu*
- mhix accettabbli fid-dehra jew fil-finitura - *it-towster tiegħi għandha xi briex*
- perikuluża - *joħorġu x-xrar mit-towster tiegħi*
- ma jservix - *it-towster tiegħi ma baqgħetx taħdem tlett xhur biss wara  li xtrajtu*

Int **m'intix** intitulat tieħu lura oġġett meta:

- tal-ħanut qallek (jew wera sinjal) dwar id-difetti moħbija qabel ma xtrajtu
- int eżaminajt l-oġġett qabel ma xtrajtu u ma sibt l-ebda difetti li int suppost innotajt
- int użajt l-oġġett b'mod 'annormali' jew
- int domt ħafna tuża  l-oġġett.

## Jien sibt li hu bil-ħsara wara li użajtu.

Int tista' tieħu lura l-oġġett bil-ħsara anki jekk int:

- ilbistu jew użajtu
- neħħejt it-tags jew it-tikketti, jew
- neħħejtu mill-pakkett oriġinali tiegħu.

*Xtrajt qmies u ilbistha aktar minn darba, imma l-kulur reħa l-ewwel darba li ħsiltha, allavolja imxejt mal-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.*

## Ma taqbilx mal-kampjun jew mal-mudell tal-wiri.

Meta tixtri oġġett skont kampjun jew mudell, irid jaqbel mal-kampjun. Jekk l-oġġett hu tant differenti li ma kontx tixtrih, int intitulat għal flus lura.

*Jien ordnajt sufan skont il-kampjun tad-drapp, imma meta wasal, kien ta' kulur differenti mil-kampjun.*

## Ma jaqbilx mad-deskrizzjoni.

L-oġġett ma jaqbilx mad-deskrizzjoni (per eżempju, fuq it-tikketta jew fir-riklam tat-televixin). Jekk hu  tant differenti mid-deskrizzjoni, li ma kontx tixtrih, int intitulat għal flus lura.

*Xtrajt portafol deskritt bħala 'tal-ġilda' fil-katalogu tal-ħanut. Meta wasalt id-dar, sibt li kien tal-vinyl.*

## Ma jaħdimx kif qalli tal-ħanut.

Int tista' tieħu lura l-oġġett jekk ma jaħdimx bħalma qallek tal-ħanut.

*Xtrajt arloġġ, li tal-ħanut qal li nista' nużah waqt li nkun qed nogħdos - imma meta lbistu fil-baħar, imtela' bl-ilma.*

## Ma jaħdimx kif kont tistenna.

Int tista' tieħu lura l-oġġett jekk la jaħdem kif suppost u l-anqas jilħaq ċertu għan speċifiku jekk:

- qabel ma xtrajtu, int għidt lil tal-ħanut x'ridtu jagħmel, u
- int straħt fuq il-parir ta' dak tal-ħanut, meta għażilt l-oġġett.

*Għidt lin-negozjant tal-karozzi li ridt karozza li kapaċi  tirmonka d-dgħajsa tiegħi. In-negozjant bgħeli waħda, qal li kapaċi tagħmel dan. Dik il-lejla qrajt  il-manwal tas-sigurtà u sibt li l-karozza l-ġdida ma tistax tirmonka kwalunkwe dgħajsa mingħajr periklu.*

## Reġa'  bdieli.

Ħanut mhux obbligat iħallik tieħu lura kwalunkwe oġġett għas-sempliċi raġuni li reġa' bdielek. Imma, xi ħwienet, għandhom il-politika tagħhom tal-ħanut biex jagħtuk ħlas lura, jibdlu jew jagħtuk nota tal-kreditu għal xiri 'meta jerġa' jibdilek'.

## M'għandix irċevuta.

Int irid ikollok provi li l-oġġett inxtara mingħand dak il-ħanut. Jekk m'għandekx irċevuta tar-reġistru tal-cash, int tista' turi, per eżempju:

- stejtment tal-kard tal-kreditu
- ftehim tal-lay-by
- konfirma jew numru tal-irċevuta minn xirja permezz tat-telefon jew tal-internet.

## Qlajtu rigal

Dawk li jaqilgħu r-rigali għandhom l-istess drittijiet ta' ħlas lura bħal konsumaturi li jixtru direttament - imma int tista' tieħu biss l-oġġett lura jekk għandek provi tax-xirja. Ara hawn fuq.

## Xtrajtu bis-sale.

Int għandek l-istess drittijiet ta' ħlas lura fuq affarijiet li xtrajt bis-sale bħal meta tixtri bil-prezz mhux imnaqqas. Din hi r-raġuni għala hu kontra l-liġi li turi sinjal li jgħid 'ma titħallasx flus lura meta l-affarijiet ikunu bis-sale.'

Imma int ma tistax tikklejmja flus lura għall-problemi li tal-ħanut kien qallek dwarhom, jew għal dawk li int messek innutajt meta kont qed teżamina l-oġġett - per eżempju, tikketta mehmuża mal-qmies li tgħid 'prezz imnaqqas - għax hemm punti tal-ħjata li għandhom difett'.

Eżempji ta' affarijiet bis-'sale' jinkludu oġġetti:

- skontati
- fuq ir-rack tal-'kampjun u sekonds'
- mixtri direttament mill-fabbrika.

## Xtrajtu secondhand.

**Minn ħanut:** Int għandek l-istess drittijiet ta' ħlas lura fuq oġġetti mixtrija second-hand bħal meta tixtri affarijiet ġodda, imma int trid tagħti każ ta' kemm għandu żmien l-oġġett, il-prezz u l-kondizzjoni **meta xtrajt l-oġġett.**

**Mingħand bejjiegħ privat:** Il-bejjiegħ m'għandu l-ebda obbligu li jagħti flus lura, jibdel jew isewwi l-oġġett li xtrajt mingħandu (pereżempju, f'bejgħ f'garaxx jew permezz ta' riklam ikklassifikat).

## Xtrajtu minn fuq l-internet

Jekk xtrajt mingħand negozju Awstraljan ta' fuq l-internet, int għandek l-istess drittijiet ta' ħlas lura bħal meta xtrajtu minn ħanut - għajr meta xtrajt l-oġġett minn bejjiegħ privat. Ara hawn fuq.

## Jien intitolat għal rimedju. Nitħallas flus lura, l-oġġett jissewwa jew ningħata oġġett ieħor minfloku?

Jiddependi, jekk il-problema hijiex:

**Kbira - ma tistax tissewwa, jew tieħu wisq żmien jew hi diffiċli ħafna biex tissewwa.**

Int tista' tagħżel li:

- tieħu lura l-oġġett u tagħżel li tingħata l-flus lura jew oġġett ieħor minfloku, **jew**
- iżżomm l-oġġett u tingħata kumpens għat-telf fil-valur.

**Minuri - jista' jissewwa fi żmien raġjonevoli.**

Int trid tagħti ċans lil tal-ħanut isewwi l-problema. Huma jagħżlu jekk jagħtukx ħlas lura, isewwuh jew jibdluh. Jekk tal-ħanut jagħżel li jsewwi l-oġġett, hi r-responsabilità tagħhom jirritornawh ( u jieħdu ħsiebu) lill-manifattur.

Jekk tal-ħanut jieħu wisq żmien jew jirrifjuta jsewwi l-problema, int tista':

- tieħu l-oġġett lura u titlob li tingħata l-flus lura jew oġġett ieħor minfloku, **jew**
- tqabbad il-ħaddieħor isewwi l-oġġett u titlob lil tal-ħanut iħallas l-ispejjeż raġjonevoli.

**Għal aktar tagħrif, ikkuntattja lill-aġenzija lokali tiegħek tal-protezzjoni tal-konsumatur.**
**Għall-għajnuna bil-lingwa ċempel 13 1450 (u staqsi għall-interpretu fil-lingwa tiegħek).**

Australian Capital Territory
**Office of Regulatory Services** T. (02) 6207 0400

New South Wales
**NSW Fair Trading** T. 13 32 20

Northern Territory
**Consumer Affairs** T. 1800 019 319

Queensland
**Office of Fair Trading** T. 13 QGOV (13 74 68)

South Australia
**Office of Consumer & Business Affairs** T. (08) 8204 9777

Tasmania
**Office of Consumer Affairs & Fair Trading** T. 1300 654 499

Victoria
**Consumer Affairs Victoria** T. 1300 55 81 81

Western Australia
**Department of Commerce** T. 1300 30 40 54

**L-Australian Competition and Consumer Commission** għandha responsabilitajiet nazzjonali għall-kompetizzjoni, negozju ġust u protezzjoni tal-konsumatur u tista' tiġi kkuntattjata fuq 1300 302 502.